MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## SILVIO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' April, 2012

Numru 430/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Joe Curmi**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joe Curmi, bin John u Emanuela nee` Attard, residenti fil-fond 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex, u detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 371783(M) fejn gie akkuzat talli nhar it-23 ta’ Frar 2011 ghal habta ta’ 13.30hrs u matul dawn il-granet gewwa 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex:

1. zamm jew ippermetta li jinzamm gmieh ta’ demel fid-dar 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex;
2. talli naqas milli jzomm nadif il-partijiet interni tal-fond tieghu f’numru 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex.

**2.** Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta’ Ottubru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Joe Curmi hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal ammenda ta’ erbghin Euro (€40) ghall-ewwel imputazzjoni u ghal ammenda ta’ erbghin Euro (€40) ghat-tieni imputazzjoni. Inoltre b’applikazzjoni ta’ Artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti ordnat lill-hati sabiex fi mien xahar mid-data tas-sentenza jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravenzjonijiet li taghhom huwa gie misjub hati u fin-nuqqas li huwa jaghmel dan fiz-zmien lilu moghti, il-hati jehel penali ta’ ammenda ta’ erba’ euro u hamsa u sittin centezmu (€4.65) ghal kull gurnata li l-kontravenzjonijiet ikomplu wara li jaghlaq iz-zmien imsemmi.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-akkuzat Joe Curmi minnu prezentat fis-27 ta’ Ottubru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija tal-11 ta’ Ottubru, 2011 u minflok tilliberah minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

**4.** Semghet il-provi u fl-udjenza tas-17 ta’ Frar 2012 semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi migbura.

**5.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fit-23 ta’ Frar 2011 marru fuq il-post tal-imputat fi Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex, ufficjali tal-ambjent u sanita’ u sabu diversi ambjenti b’hafna annimali u tjur fosthom fniek u papri. Sabu wkoll kumulu ta’ demel konsistenti fi hmieg tal-annimali u kien hemm diversi

rwejjah. Sabu wkoll fuq il-post zewg tankijiet mimlija bid-demel u hmieg taht numru ta' gageg tal-fniek u tigieg.

**7.** L-aggravju ewlieni tal-appellant jikkonsisti essenzjalment fil-fatt li skont l-appellant l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti kien imsejjes fuq zball ta' fatt peress li minkejja li l-appellant ghandu numru sostanzjali ta' annimali d-demel ta' tahthom ma kienx migmugh izda kien demel ta' ftit sieghat.

Ikkunsidrat:

**8.** Il-Qorti kellha l-okkazzjoni tisma' mill-gdid il-provi prodotti fl-ewwel istanza u tistqarr li l-provi prodotti huma piuttost skarsi u ghar-rigward tal-prosekuzzjoni jikkonsistu f'zewg ufficjali tal-ambjent u sanita' John Busuttil u Aldo Portelli u xi "ritratti" jew ahjar fotokopja ta' numru ta' tmien ritratti fl-abjad u l-iswed li ma huma xejn cari u li fihom jidhru xi gageg u tjur fosthom papri u tigieg. F'dawn ir-ritratti xejn ma jidhru dettalji ghaliex huma skuri wisq u izjed jidhru capep shah suwed milli dettalji ta' demel, skart jew hmieg. Xhed ukoll l-appellant.

**9.** Il-Qorti tistqarr mill-ewwel li xejn ma kienet tkun sodisfatta li kieku l-unika prova kienet ix-xhieda tax-xhud Aldo Portelli li fid-depozizzjoni tieghu irrizulta piuttost titubanti u incert dwar dak li sab meta mar fuq il-post fid-dati relevanti ghall-imputazzjoni odjerna. Jghid li "kien hemm bzonn li tinzamm iktar indafa", jghid ukoll li "ma kienx mizmum sewwa, fl-opinjoni taghna kellu jinzamm ahjar". Semma wkoll xi bramel mimlija bid-demel u ppreciza li fil-wicc kien jidher id-demel izda in kontroezami zied li hu ma qaghdx ihaffer u ma jistax jghid jekk taht id-demel kienx hemm il-hamrija u spicca billi jghid li "… ifhimni, munzell ta' gmiegh ta' demel as such, li tghid hemm munzell, eqq, ma kienx hemm, imma immagina dawk l-annimali kollha u ghandi kamra bit-tigieg u ghandek fuq il-bejt, ghandek gol-garaxx – taghmel differenza, ghalkemm inaddfu taghmel differenza hu.".

**10.** Ix-xhud John Busuttil, izda, kien ferm aktar kategoriku u preciz fid-depozizzjoni tieghu. Xehed li l-appellant, fil-

post tieghu, ghandu hafna annimali: fuq il-bejt ghandu l-hamiem, xhin tinzel ghandu kamra mimlija tjur, fix-shaft kellu l-papri, fil-garaxx ghandu l-fniek u jerga’ t-tjur. “U kellu akkumulu wkoll jigifieri mhux tal-gurnata” u meta mistoqsi ippreciza li kien qieghed jirreferi ghal kumulu ta’ demel li kien jikkonsisti fi hmieg tal-annimali. Irrefera wkoll ghat-tankijiet li kienu bid-demel. Huwa semma wkoll li kien hemm il-hmieg tal-annimali taht diversi gageg bil-fniek u t-tigieg u insista li d-demel tal-annimali li kien ra ma kienx tal-gurnata. Fil-fehma tal-Qorti id-difiza ma rnexxilix tiskossa lix-xhud minkejja l-kontroezami serrat li sarlu.

**11.** Minn naha tieghu l-imputat imminimizza kollox: kemm in-numru ta’ annimali u tjur, kemm l-entita’ tal-hmieg kif ukoll inisista li kien inaddaf kuljum u prattikament ikkontesta kull haga li inghadet mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni.

**12.** Il-gurisprudenza ta’ din il-Qorti f’materja ta’ apprezzament ta’ provi hi ormai ben stabbilita fis-sens li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Jekk din il-Qorti, izda, tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konkluzzjoni.

**13.** Fil-kaz odjern din il-Qorti, wara li semghet u fliet hi stess il-provi prodotti fl-ewwel istanza ma ssibx ragunijiet bizzejjed sabiex tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-provi. Din il-Qorti tqis ghal kollox ragonevoli l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti fuq l-iskorta tal-provi prodotti u li a bazi taghhom il-Qorti waslet ghall-konvinzjoni morali taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-appellant hu hati tar-reati imputati lilu.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha b’dan li

z-zmien ta’ xahar moghti mill-ewwel Qorti sabiex l-imputat appellant Joe Curmi jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravvenzjonijiet li taghhom huwa gie misjub hati jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------